MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2344/2004

**Atlas Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Camenzuli**

**Vs**

**Gilmor Cachia**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm281.75c (mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti r-risarciment ta' danni kkagunati mill-konvenut u sborsati mis-socjeta' attrici bhala indennizz a favur l-assikurat taghha in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Valletta fil-25 ta' Frar, 2004 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru CAG 393 habat mal-vettura numru BAT 589, proprjeta' ta' Anthony Camenzuli u misjuqa minn Patricia Camenzuli, ghal liema ncident il-konvenut kien

unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tad-19 ta' Lulju 2004, dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 t'Ottubru 2004, l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mill-11 t'Ottubru 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta' Jannar 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------